MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 463/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fit-18 ta’ Dicembru 1982 l-esponent izzewweg lill-intimata Mary Galea (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok ‘A’) u minn dan iz-zwieg kellhom tliet ulied – illi illum huma lkoll maggorenni;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali in atti Nutar Dottor Carmel Gafa datat 30 ta’ Ottubru 2001 (Dok ‘B’);

3. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi jew kwistjonijiet bejn il-partijiet ta' kwalsijasi natura;
4. Illi l-esponent iddiskuta mal-avukat tieghu Dr Chris Cilia LL.D. il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok C) u kkonluda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi issa ghaddew ben oltre 4 snin – di fatti kwazi 12-il sena – mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi z-zwieg tieghu mal-intimata CD hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Ottubru 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Ottubru 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------